# Il-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu
## Ritratt kontroversjali

minn Walter Camilleri

1. Ma' dan l-artiklu nsibu żewġ ritratti f'wieħed tal-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu. L-ewwel ritratt hu angolat li jdaħħalna fi Strada Nuova, illum Triq Anton Buttigieg. Dan ir-ritratt hu falz u kontroversjali mhux b'anqas. Hekk ser nibqa' nirreferi għalih f'dan l-artiklu.
2. It-tieni ritratt, li fih jidhru l-Oratorju u l-Koppla attwali, hu angolat li jdaħħalna fi Strada Oratorio, illum Triq Tommasso Caruana Demajo. Dan hu ritratt reali u awtentiku meħud minn Dun Frans Camilleri. Li għandu nieqes dan ir-ritratt hu biss il-par fanali-brazzi attwali weqfin bi tlett lampi 'l wieħed, fejn kull lampa tinsab f'bozza-globu kbira opak bajda.



*Dan hu ritratt, la pjanta u lanqas mudell tal-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu tal-Ħamrun. Dan hu ritratt falz-montatura c1894-1895*



*Il-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu bl-oratorju (1894-1895) u l-koppla (1953-1956)*

3. Dawn il-fanali-brazzi weqfin kienu saru mill-gvern lejn l-aħħar tas-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor, ftit snin wara li kienet tlestiet il-koppla (1953-1956). Dawn kienu tpoġġew wieħed fuq kull naħa taz-zuntier fuq nett, qrib iż-żewġ bibien iż-żgħar tal-knisja fejn għadhom hemm sal-lum. Dawn il-fanali kienu tpoġġew fuq bankun-ġebla tal-qawwi tal-ordni.
4. Fir-ritratt tal-koppla attwali u bl-Oratorju, għadu jidher il-fanal-lampa l-antik fuq arblu twil tal-gvern qrib it-tarf u l-ġenb tal-Oratorju kantuniera ma' Strada Oratorio.

**Iz-zuntier**

5. Minn issa 'l quddiem ser nitkellmu dwar is-sustanza tar-ritratt "*falz u kontroversjali*" li la hu "*pjanta*" tal-knisja msemmija u lanqas hu "*mudell*" tal-istess knisja biz-zkuk tas-sulfarini kif qalulna kemm-il darba!
6. Evidenti ħafna, li l-parti t'isfel tar-ritratt "falz" – mill-frontispizju l-isfel – kien ittieħed minn xi ritratt ieħor antik ħafna ta' żmien meta kien qed jinbena l-Oratorju ċirca 1894-1895, meta l-bini tal-knisja kien wieqaf!
7. Ma' dan l-artiklu nsibu wkoll il-pjanta tal-Oratorju li jmiss mal-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu. Din il-pjanta hi tal-Perit Andrea Grima, datata 4 ta' Mejju 1894 u li kienet approvata b'digriet tal-Arċisqof Pietru Pace datat 28 ta' Novembru 1894[1].
8. Jekk inqabblu l-pjanta tal-Oratorju biz-zuntier fejn jidher iz-zuntier propost tal-knisja, mar-ritratt "*falz*", malajr nindunaw, li t-taraġ taz-zuntier tal-knisja, fiż-żewġ każi, dan it-taraġ hu kważi identiku. Imma dak iz-zuntier propost tal-knisja ma kienx sar.
9. Dwar iz-zuntier tal-knisja nieqaf hawn, għax l-oriġinali f'forma ta' parapett jew gallarija, kien inbidel verament u sar kif inhu llum bejn is-snin 1928-1930, b'digriet tal-Vigarju Ġenerali Mons Paolo Galea tal-14 ta' Frar 1930[2].




***Pjanta tal-oratorju li jmiss mal-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu, c.1894-1895. Hawn jidher kif kellu jiġi z-zuntier tal-knisja, li kważi jaqbel ma' dak tar-ritratt falz. Dan iz-zuntier tal-knisja baqa' ma sarx.***

**Ritratt falz fl-idejn**

10. L-istorja li se nirrakkonta minn issa 'l quddiem nafha lis-Sur Ġużeppi Cassar (is-Sur Peppin) ta' **Cassar Photostudios.**[7] Giuseppe Cassar (ix-xiħ) (*1892-1965*) bil-familja tiegħu u ma' ibnu l-imsemmi Ġużeppi (*1917-2002*), kellhom "*Casabottega*" quddiem il-knisja ta' "*Santunnuzzu*" fi Strada Rjali.
11. Kemm il-missier kif ukoll ibnu kienu fotografi bravi u kapaċissimi. Saħansitra kienu kapaċi jibnu "*cameras*" tar-ritratti ta' kull qies u għal kull ġeneru ta' ritratti, saħansitra bil-kulur, meta l-kulur ma kienx kummerċjalizzat ħlief bl-irtokk tal-pinzell. Kienu jipproduċu ritratti kbar b'għoli ta' madwar żewġ metri u nofs u aktar.
12. Fis-sena 1963, Dun Ġużepp Frendo (+2002) kien tani xi affarijiet li jinteressawni u fosthom kien hemm ritratt li kont domt ma fhimt x'kien eżatt. Kien propju r-ritratt "*il-falz*" tal-knisja ta' San Gejtanu, li fil-qiegħ nett tal-imsemmi ritratt kien hemm il-kliem: PJANTA TAL-KNISJA TA' SAN GEJTANU - HAMRUN. Dan ir-ritratt kien mimli toqob tal-kamla[3]
13. Lil Dun Ġużepp Frendo kont staqsejtu (circa 1980) "x'kien verament dak ir-ritratt"? B'daħka sfurzata hu qalli "Mur staqsi lil Dun Frans Camilleri" (1919-1990). Jien hekk għamilt. Dun Frans bla kliem ta' xejn, billi konna quddiem il-knisja ta' Santunuzzu, kien ipponta subgħu lejn id-dar u l-armatura ta' Cassar "*tar-ritratti*".
14. Fhimt li kelli nkellem lis-sur Peppin - Ġużeppi Cassar tar-ritratti. Sadattant, dan l-istess ritratt (*postcard size*) ġa kien ilu li beda jidher fil-gazzetti, rivisti u f'ċerti kotba, fosthom "Bliet u Rħula Maltin" (1972) ta' Alfie Guillaimier u qabel ukoll.
15. Kont domt ma bdejt nirriċerka fuq dan ir-ritratt "*falz*". Kont kellimt lis-Sur Ġużeppi Cassar, li sadattant kien ġa żarma minn fotografu professjonali u kien qaleb għall-pinzell ta' akwarellista. Qalli "iktibli dak li trid tkun taf u nwieġbek mill-aħjar li nista', għax bħal issa mħabbat".

**Ġużeppi Cassar tar-ritratti**

16. Ktibtlu fit-18 ta' Ġunju 2000. Spjegajtlu dak li kont naf dwar ir-ritratt u kif dan ir-ritratt kont ksibtu. Ma kitiblix lura, imma fit-23 ta' Ġunju ċempilli d-dar b'risposta għall-ittra tiegħi diġà msemmija. Fit-30 ta' Ġunju u fl-14 ta' Lulju 2000 kien ġie jsibni l-Kurja tal-Arċisqof fejn kont naħdem, u kien għaddieli dan li ġej b'ħafna dettalji, imma għal dan l-artiklu kelli nqassar kemm nista'. Kien qalli li:

- nikkonferma li dan ir-ritratt hu "*montatura*" u nibni b'kapaċità.
- dan ir-ritratt ma jirrappreżentax "*pjanta*". Pjanta normalment issir bil-"*front-side elevation*" u turi l-irjiħat.
- Il-koppla (speċi ta' *Three Tier Dome*), il-plieri tal-kampnari bil-ponta; it-tmien plieri ta' fuq in-navi minn barra u tal-bejt tal-knisja; il-frontispizju tal-bieb tal-ġenb tal-knisja, kollha stil gotiku; u s-salib ta' fuq il-frontispizju maġġuri, huma kollha "*Pinzell*". Dan tal-aħħar spustat il-ġewwa!
- Tant ieħor il-kampnar li jħares lejn Santa Venera. Dan ftit imxengel lejn l-Oratorju, filwaqt li ż-żewġ kampnari kollha fihom il-qniepen, meta fil-fatt minn dejjem kellna

kampnar wieħed bla qniepen, dak li jħares lejn il-Floriana!

- Kont nismagħhom jgħidu meta kont żgħir, li l-kampnari ma kienux telgħu flimkien wieħed wara l-ieħor, imma l-ewwel kien inbena dak il-kampnar li jħares lejn il-Floriana, u "*wara xi snin*" kien inbena l-ieħor li jħares lejn Santa Venera.
- Dak ir-ritratt (*il-falz*) kont ili naf bih sa minn ċkuniti, għax kien għandna fl-istudio tal-papà, u kultant żmien kien imissu bil-lapes il-bravu lavrant li kellna (*part-time*) Arturo Galdes[4] (1861-(1892)–1934). Niftakar żgur li dan kien qabel ma mort l-Italja nistudja, 1937.
- Il-papà tiegħi (Giuseppe Cassar 1892-1965) darba kont smajtu jgħid lil Galdes b'daħka sfurzata (sarkastika) "*la titla' din il-Koppla naħsbu għall-Bażilika*"!
- Jien jidhirli, li dak ir-ritratt (*falz*) kien propjetà privata ta' Galdes (Cesare jew Arturo), billi ħadd mill-familja tagħna ma kien imissu ħlief biss il-lavrant tagħna Arturo u kien dejjem iżommu merfugħ f'armarju fil-ħajt. Dan ir-ritratt kellu l-qies ta' madwar 76ċm għoli b'madwar 60ċm wisa'.
- Meta jiena u ħija t-tabib konna ninżlu ħdejn Arturo u dan kien ikun mehdi f'dak ir-ritratt (*il-falz*), malli kien jinduna bina, bla kliem ta' xejn, kien jerfa' dak ir-ritratt fl-armarju u kien isakkru biċ-ċavetta qisha muftieħ żgħir. Arturo kien bniedem silenzjuż u edukat ħafna.
- Missieri kien jaf d'dak ir-ritratt *(montatura*), imma qatt ma kien ħabbel rasu għalih, tant, li meta miet Arturo (1934), l-armarju fil-ħajt kien baqa' magħluq sa ferm snin wara l-gwerra (1939 -1945).
- Meta ġejt mill-Italja (1945) iżżewwiġt u bqajt noqgħod mal-papà, quddiem "Santunnuzzu". Snin wara fettili niftaħ dak l-armarju u sibt u rmejt ħafna mbarrazz. Imma b'sorpriża sibt ir-ritratt misterjuż ta' Galdes. U bdejt nifhem x'kien qed jagħmel bil-lapes (lapes tal-faħam)!
- Ma ridtx nurih dan ir-ritratt biex ma nsibx ruħi fl-inkwiet. Ma ridtx min jakkużani li qed niffalsifika r-ritratti, aktar u aktar, meta jiena kont batejt ħafna fil-gwerra, ħrabt minn arresti u bdejt naqsam minn pajjiż għall-ieħor fl-Ewropa biex ma ninqabadx u fl-istess ħin nasal Malta malajr!
- Naħseb li llum nista' nelabora ftit aktar fuq dan l-imbierek ritratt misterjuż. Jiena konvint li l-parti ta' isfel tar-ritratt hi ritratt vera. Konvint ukoll, li xi kliem li kont nisma' 'l hawn u 'l hemm fid-dar tagħna, li Cesare Galdes, missier Arturo, kien ra l-pjanta tal-knisja ta' San Gejtanu tal-perit Giorgio Schinas, fi żmien meta fil-Ħamrun kien inqala' diżgwid kbir bejn il-prokuratur tal-knisja, il-Kappillan Valletta u l-perit Schinas[5].
- Ħafna għadhom isostnu (bla provi fattibbli), li l-perit Schinas kien qatta' l-pjanta tiegħu stess waqt laqgħa mqanqla, billi kien hemm bosta ndħil u fejn l-istess perit kien kostrett kemm-il darba li jemenda l-pjanta bosta drabi! Imma jiena (Ġużeppi Cassar) dan ma nemmnux! B'danakollu, jista' jkun li l-pjanta tal-knisja ta' San Gejtanu bosta drabi kienet tkun fl-idejn! Mill-banda l-oħra, min hu dak il-perit miġnun li jqatta' (jiddistruġġi) il-"*Baby*" tiegħu, pjanta u disinn ta' ċertu livell artistiku u akkademiku?

- Milli kont nisma' 'l missieri jgħid (Giuseppe 1892 – 1965), kien Cesare Galdes li kien ra l-pjanta u kien ħażżeż b'mod korrett dak li kien jonqos li jsir f'din il-knisja minn barra. Nazzarda ngħid, li Cesare Galdes kien ikkopja mill-pjanta dak li kien jonqos li jsir fuq *"tracing paper"* speċjali, ferm b'saħħitha minn karta strazza. Ibnu Arturo kompla fejn kien ħalla missieru (1890), u kompla jirtokkja sa ftit qabel mewtu 1934.
- Dan ir-ritratt misterjuż (u falz) bżajt nesponieh fil-pubbliku għal diversi raġunijiet. U kien baqa' għandi sas-sena 1959 meta kont bdejt narmi bosta affarijiet. Imma dan ir-ritratt (falz) kont iddiskutejtu ma' Dun Frans Camilleri (1919-1990) u Dun Ġużepp Frendo (+2002), biex preferibbilment jerfgħ f'xi arkivju tal-knisja tal-Parroċċa tal-Hamrun. (Cassar kien jaf li ma kellniex arkivju, ossija mużew).
- Lil Dun Frans Camilleri (il-poeta) kont tajtu ritratt (*postcard*) billi kien bravu ħafna fil-fotografija, filwaqt li lil Dun Ġużepp Frendo (tal-baqar) kont tajtu ieħor (li spiċċa għand Walter Camilleri, kittieb ta' dan l-artiklu), billi kien bravu fil-kostruzzjoni, bini, ġebla u arkitettura. B'kollox kont qassamt għaxar ritratti.
- Il-koppla tar-ritratt (falz) imponenti ħafna, maestuża u kompatibbli mal-arkitettura tal-knisja skont il-kunċetti wżati minn Schinas. Din il-koppla gotika tissejjaħ *"Three Tier Dome"*, speċi ta' *"Tre Regno Papale"*.

**Tal-aħħar**

17. X'kien sar minnu r-ritratt propju (montatura) li kien beda jibni ftit ftit Cesare Galdes u li kien tkompla minn ibnu Arturo, is-Sur Peppin - Ġużeppi Cassar (*tar-ritratti*) ma kienx ftakar, jew, ma riedx jgħidli. Il-konklużjoni aħħarija kienet, li b'dak ir-ritratt – montatura kien faċli li bih titkompla l-knisja ta' San Gejtanu, u b'hekk, Arturo Galdes kellu l-opportunità li seta' jaqla' ftit flus, li kieku nnegozjah! Seta' rregalah lill-knisja tal-Hamrun. Imma Ġużeppi Cassar sostna kemm-il darba l-integrità u l-onestà ta' Arturo Galdes. Milli jidher, il-familjari stretti ta' Arturo ma kinux jafu bl-armarju fil-ħanut ta' Cassar *"tar-ritratti"*, aħseb u ara x'kien fih dan l-armarju. Dak ir-ritratt, kif ġa għidna, kien baqa' fil-pussess ta' Ġużeppi Cassar sas-sena 1959.
18. U minn dak kollu li kien pinġa, ħażżeż u kejjel il-Perit Giorgio Schinas (1834-1894) għall-knisja tal-Hamrun baqa' ma sarx kollox. Anzi, f'bosta każi twikkejna bit-tilqit u bid-dilettanti. Hadd ma jaf jekk dan ir-ritratt (falz) kienx intwera lil xi kappillan milli kellna. Li nafu żgur hu, li l-kappillan Dun Gejt Mifsud (1929-1933) ried jibni mill-ewwel kor twil daqs il-kappelluni, tant li kien diġà beda jaħseb biex jakkwista xi djar ta' madwar il-knisja u ħejja wkoll pjanta, fejn mal-kor kien se jkun hemm żewġ sagristiji kbar, waħda wara l-artal tal-Madonna ta' Lourdes u oħra wara l-altar tal-Madonna tar-Rużarju[6].
19. Dan il-proġett realistiku tal-kor sfaxxa fix-xejn, billi wara l-mewt ħesrem ta' Dun Gejt Mifsud, il-Hamrun kien għamel sena bla kappillan, imbagħad ġie min-Naxxar Dun Nerik Cordina Perez (1934-1956). Dan ma ried jaf b'xejn ħlief b'koppla u mhux kor! Il-proġett tal-koppla, dik li għandna llum, fis-sewwa ngħidu, li kien Dun Nerik il-promotur tagħha appena qaddes fis-sena 1921! Kien twaqqaf kumitat

"*Għall-Bini tal-Koppla*" b'numru ta' nies li jiżboq in-numru tal-parlamentari Maltin attwali! Imma l-ħabel u s-satal kienu Dun Nerik Cordina Perez u Ġużè D'Amato, bil-kappillan Dun Ġużepp Muscat jagħqad fin-nofs! Il-kontroversji komplew jiżdiedu. Dwar din il-pjanta tal-koppla (circa 1925) nitkellmu xi darb'oħra.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

**Riferenzi**

1 AAM: Supp. Vol.1894 (lll) fol.445-453 dwar l-oratorju.

2 Ibid. Supp. Vol. 1930 (l) No. 63: Digriet 14/02/1930.

3 Fil-kitba li tinsab fil-qiegħ nett tar-ritratt insibu żewġ żbalji tal-ortografija: "Tal" bla sink u "Ta" bla appostrofu.

4 Arturo Galdes, bħal missieru Cesare, kien disinjatur, ritrattista bil-lapes u l-faħam, u rtokkjatur tar-ritratti ta' kull daqs, bil-kulur u mhux. Arturo Galdes, iben Cesare Galdes (1822(1848)1890) u Adelaide née Micallef, imwieled u mgħammed il-Floriana 24/25 ta' Frar 1861 rispettivament. Kien miżżewweġ ma' Rosaria née Camenzuli l-Floriana fis-6 ta' Settembru 1892. Arturo miet Birkirkara fis-7 ta' Mejju 1934 u ġie midfun fil-knisja tal-Agostinjani r-Rabat Malta. Cesare u Arturo wettqu disinji u proġetti ta' ċertu preġju artistiku fiċ-ċimiterji u f'bosta knejjes fiż-żewġ gżejjer tagħna. Kienu nies "*tal-galbu*" fid-disinn u fl-ideat. B'danakollu, ma kinux popolari wisq, minħabba l-kompetizzjoni ħarxa ta' kollegi bħalhom, fosthom: Tonniet tar-Rabat; Buhagarijiet u Darmaninijiet. L-isem ta' dawn kien akbar minn Galdes!

5 L-inkwiet u d-diżgwid fil-knisja ta' San Gejtanu kien fi żmien il-kappillan Dun Fortunat Valletta li kien persuna polemikuża. Dan kompla fi żmien kappillani oħrajn.

- 1858-1868, Valletta kien jieħu ħsieb l-inħawi ta' Via San Giuseppe, mill-knisja ta' "*Santunuzzu*", bi ftehim bejn l-Arċisqof Gejtanu Pace Forno OSA u r-Rettur (1847-1885) tal-knisja privata - GPL - tal-BVM del Porto Salvo, allura Mons. Salv (Xaverio) dei Conti Manduca Piscopo Macedonia Cassia (1817-1885).
- 1868-1875, Valletta kien sar Prokuratur Ġenerali tal-knisja l-ġdida ta' Via San Giuseppe dedikata lil San Gejtanu u fl-istess ħin kien baqa' jservi pastoralment minn "Santunnuzzu".
- 1875-1881, kien sar Rettur u Prokuratur Ġenerali tal-knisja Gejtanina.
- 2/12/81, Valletta kien sar l-ewwel Vigarju Kurat tal-istess knisja Gejtanina sat-13/5/1884.
- 14/5/1884, kien sar l-ewwel Kappillan tal-Ħamrun sa mewtu, 26/10/1895.

6 AAM: Supp.1937 Vol (ll) No 141. Digriet tat-23 ta' Marzu 1937. Approvazzjoni għat-tkabbir tal-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu mill-Kor u lura u b'żewġ sagristiji kbar fuq kull naħa tal-Kor il-ġdid. Digriet tal-Vigarju Ġenerali l-Isqof Emanuele Galea. Dun Gejt Mifsud kien saċerdot qaddis.

7 Ġużeppi Cassar (is-Sur Peppin) (1917-2002) kien bniedem ta' enerġija kbira u intelliġenti mhux b'anqas. Aktar minn hekk kien "uman u umli". Kien jibbrilla mhux biss fil-fotografija u fl-akwarell, imma wkoll f'dik li hi inġinerija mekkanika. Kien kapaċi jibni u jħott arloġġ ta' kull daqs u għamla u ma kienx ifallilu ingranaġġ wieħed minn kif jirranġah hu. U erħilu bil-lima jobrox ir-ram, ħadid jew azzar biex jibbilanċja (timing) il-ħin. Kien jaħli sigħat twal f'kull arloġġ li jaqa' taħt idejh għat-tiswija. Għal tant snin kbar wara l-famuż Mikielanġ Sapiano (1826-1912), li kien jaqdi l-knisja ta' San Gejtanu, l-arloġġ Franċiż u kumplikat kif kien tal-knisja ta' San Gejtanu, għal dik li kienet tiswija, bilanċ u manutenzjoni ġenerali, kienet f'idejn bosta nies, li mhux dejjem kienu rnexxew f'xogħolhom mal-arloġġ tagħna. Bejn is-snin 1955-1980 dan l-arloġġ kien waqa' f'idejn Ġużeppi Cassar u f'tul ta' żmien kien ġab l-arloġġ tagħna f'postu, b'paċenzja kbira, strapazz (tiela' u nieżel madwar 150 tarġa tal-kampnar) u ħela ta' ħin 'l bogħod mill-professjoni tiegħu ta' fotografu! Oriġinarjament, skont Ġużeppi Cassar, dan l-arloġġ kien idoqq tokki doppji u għalhekk kien kumplikat mhux ħażin. Is-Sur Peppin dejjem ħadem mill-qalb u qatt ma tħallas. Ta' dan kollu u aktar, ngħidlu GRAZZI mill-qalb.